PDF Compressor Pro



Il-Familja Mqaddsa. Jidhru Raymond Bonello fil-parti ta' Ġużeppi, Antonella Theuma fil-parti tal-Madonna u l-Bambin Trystn Theuma ta' seba' xhur

Kavalkata tas-Slaten Maġi fi Pjazza il-Vitorja, ix-Xagħra

Minn Għawdex b'kitba u ritratti ta' Charles Spiteri

Sar spettaklu fix-Xagħra Għawdex f'jum is-Solennità tal-Epifanija tal-Mulej, il-Ħadd 6 ta' Jannar. Ir-rappreżentazzjoni kienet tikkonsisti f'persunaġġi li kienu jirrapreżentaw lill-Ġużeppi u l-Marija bil-Bambin Ġesu' li fakkru jum il-Milied billi flimkien mas-Slaten Maġi u għadd kbir ta' nies imxew lejn pjazza Vitorja fejn ġarrew magħhom id-deheb, l-inċens u l-mirra.

Din ir-rappreżentazzjoni bdiet għall-ewwel darba fis-sena 2010, organizzata mill-Għaqda Il-Milied fix-Xagħra, illi ilha għal diversi snin tistinka u titħabat sabiex l-Ispirtu tal-Milied ma jitlifx is-sens tiegħu u jibqa' jkun marbut mal-Ispirtu Nisrani.

L-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Karm Refalo, qal lil *The Maltese Herald,* illi dawk kollha li attendew għal dan l-ispettaklu mingħajr l-iċken dubju ħassew l-ispirtu Kristjan. 'Vanġelu mnaqqax' li jfakkar fil-ġrajja unika ta' meta "l-Iben t'Alla sar bniedem u ġie jgħammar fostna", Ġw 1:14.

Żied igħid illi issa matul din il-ġimgħa, il-parroċċa taqbad ir-ritmu tal-Formazzjoni wara l-ġranet tal-Milied u tal-Epifanija. "…Tajjeb nifhmu, li issa deħlin fil-qofol tas-Sena tal-Fidi, Sena li qed tagħtina ħafna grazzji! Tajjeb nifhmu li n-nisrani jista' jiċċelebra tajjeb: Avvent – Milied u Epifanija, jekk matul is-sena jkollna gruppi u għaqdiet flimkien ma' komunitajiet b'saħħithom ħafna. Nagħtu eżempju żgħir...Darba fil-ġimgħa grupp sabiħ ta' rġiel jiltaqgħu fl-Azzjoni Kattolika u mas-saċerdot jirriflettu dwar il-Vanġelu tal-Ħadd. Insaħħu gruppi u komunitajiet bħal dawn. "

Taħt id-direzzjoni ta' Victor Agius ħadu sehem dawn il-personaġġi. Maġi: Victor Muscat, Carmel Muscat u Nazzareno Xerri. Rgħajja: Chris Attard, Victor Attard, Loreto Grima u Emanuel Grima. Familja Mqaddsa: Raymond Bonello, Antonella Theuma u Trystn Theuma. Personaġġi oħra kienu Paul Stellini, Mario Agius u Joseph Bajada. Taw issehem tagħhom ukoll *Victor Muscat Horse Stables* li pprovdew iż-żwiemel għall-Maġi.



Il-maġi bid-deheb, l-inċens u l-mirra. Jidhru mix-xellug Carmel Muscat, Nazzareno Xerri u Victor Muscat



Nazzareno Xerri wieħed mil-Maġi jidher jinkina lil Ġesù Bambin



Ir-Rgħajja, Chris Attard, Victor Attard, Loreto Grima u Emanuel Grima



Tfal miġbura mal-Familja Mqaddsa quddiem il-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina

Australia Day

Il-Kunsill Malti ta' NSW

bħal kull sena ser jiċċelebra

Il-Jum Nazzjonali Awstraljan

"Jum l-Awstralja

b'ċerimonja storika

f'Parramatta Town Hall, Parramatta

Il-Ħadd 20 ta' Jannar 2013

mit-3.30pm sas-6pm

F'din iċ-ċelebrazzjoni ser jiġu ppreżentati dawk il-Maltin li ġew onorati fil-passat
Ser jattendu ħafna membri tal-Parlament kemm Federali u dawk Statali.
F'din iċ-ċelebrazzjoni naraw ir-rabta li teżisti bejn Malta u l-Awstralja.
Ikun hemm ukoll kant adattat mill-kor tal-Għaqda Kulturali Maltija ta' NSW u nispiċċaw b'bibita ħafifa.
Id-dħul huwa **B'Xejn** *u kulħadd mistieden biex jattendi, iżda dawk li jixtiequ jattendu għandhom iċemplu lill-***President Alfred Fenech** *fuq* **9519 7026** *jew* **0401 189 817** *minħabba l-ordni tal-ikel.*

Din iċ-ċelebrazzjoni hija sponsorjata mill-Community Relations Commission ta' NSW